MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 252/1998/1

Colin Arthur Best .

vs

Domenic Department Stores (DDS) Limited .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi l-attur xtara "water-heater" elettriku sabiex jiġi nstallat fil-kċina tad-dar tiegħu fin-numru 25, Triq ta' Ċenċ, Sannat, Għawdex mingħand is-soċjeta' konvenuta fix-xhur preċedenti għat-13 ta' Ottubru, 1996 ;

Illi l-imsemmi "water heater" immedjatament wera sinjali illi ma kienx jaħdem kif suppost u l-persuna li waħħlitu kellha taqla' u tieħu t-t"thermostat" tal-istess "water-heater" għand is-soċjeta' konvenuta sabiex jinbidel u fil-

fatt, l-istess "thermostat" inbidel ma' wieħed ġdid li s-soċjeta' konvenuta kkunsinjat ;

Illi fit-13 ta' Ottubru, 1996, ġrat splużjoni fil-kċina tad-dar tal-attur illi kkawżat ħsarat kbar fl-istess kċina ;

Illi l-inkjesta, maġisterjali illi saret minħabba l-imsemmija splużjoni stabilixxiet illi dina l-isplużjoni seħħet bħala riżultat ta' splużjoni interna fl-imsemmi "water-heater" minħabba ħsara simultaneja fit-"thermostat" u fis-"safety-valve" ta' l-imsemmi "water-heater" li nxtara mis-soċjeta' konvenuta, liema ħsara simultaneja kkawżat ammont kbira ta' fwar surriskaldat ("super-heated steam") li kkawża l-isplużjoni msemmija ;

Illi bħala riżultat ta' dina l-isplużjoni, l-attur sofra danni nġenti fid-dar tiegħu, liema danni ġew stmati mill-espert imqabbad minn dina l-Onorabbli Qorti fl-inkjesta msemmija fis-somma ta' elf tlett mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm 1,325) bħala ħsara tal-"appliances" tal-kċina tal-attur u elfejn lira (Lm2000) bħala ħsarat strutturali fil-bini tal-attur u speċjalment, fil-madum, fl-aperturi, fil-kċina tal-injam u fl-istallazzjoni tad-dawl u tal-ilma fil-kċina tal-attur ;

Illi l-attur, illi huwa proprjetarju u jiġġestixxi kumpanija ta' konsulenza maniġerjali, tilef ħin konsiderevoli minħabba l-isplużjoni msemmija fil-kċina tiegħu, liema telf ta' ħin kellu konsegwenzi negattivi fuq in-negozju tiegħu u kkawżalu danni ulterjuri ;

Illi s-soċjeta' konvenuta, debitament interpellata, irrifjutat li tirrikonoxxi r-responsabilita' tagħha u tħallas id-danni relattivi lill-attur iżda minflok tefgħet it-tort fuq min stalla l-"water-heater", ħaġa li manifestament m'hix minnha .

Talab lis-soċjeta' konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjarak unikament responsabbli għall-isplużjoni li ġrat fid-dar tal-attur fit-13 ta' Ottubru, 1996, liema splużjoni ġiet ikkawżat mill-"water-heater" imsemmi mixtri mill-attur mingħand is-soċjeta' konvenuta ;

2. Tillikwida d-danni dovuti lill-attur minħabba l-ħsarat fiżiċi u strutturali kkawżati fid-dar tiegħu mill-imsemmija splużjoni okkorrendo bil-ħatra ta' periti jew assessuri għal tali likwidazzjoni.

3. Tordnalek tħallas id-danni hekk likwidati bl-imgħax legali mid-data tal-akkadut sad-data tal-ħlas effettiv .
Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-atturi interpellatorji tal-20 ta' April 1998 u tal-5 ta' Mejju 1998 u tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Diċembru 1997 .

Bis-subizzjoni tar-rappreżentanti tas-soċjeta' konvenuta li minn issa qed jiġu nġunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur kkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta li eċċepiet illi :

1. Illi in linea preliminari l-isem tal-kumpanija konvenuta ġie ċċitat ħażin u għandu jkun Domenic Department Stores (DDS) Ltd. u mhux Domenic Department Stores Ltd. ;

2. Illi fl-ewwel lok l-attur irid iġib il-prova dwar il-*water heater* in kwistjoni ġie mixtri mingħand is-soċjeta' konvenuta, ta' liema marka kien l-*water heater* in kwistjoni, meta ġie mixtri u minn min, u l-garanzija tal-manufattur li bih il-*water heater* kien kopert ;

3. Illi bla preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet l-azzjoni attriċi tinsab preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 ta' Kodiċi Ċivili Kap. 16 ;

4. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess it-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur ;

5. Illi s-soċjeta' konvenuta tiċħad bil-qawwa kollha kull reponsabbilita' għall-ħlas tad-danni li ġew allegatament sofferti mill-attur u li tagħhom qed jitlob riżarċiment mingħand il-konvenut ;

6. Illi l-isplużjoni fil-*water heater* kienet kawża ta' installazzjoni ħażina da parti ta' min ħa l-inkarigu li jwaħħal u jinstalla l-istess apparat u tbagħbis fl-istess *water heater* meta ma kienx ta' jdejh u mhux minħabba xi difett fl-istess *water heater .*
7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess soċjeta' konvenuta kkonfermata bil-ġurament ta' Domenic Sultana .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Rat il-verbal tagħha tat-23 ta' Gunju 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża għad-danni in segwitu għal splużjoni ta' *water heater* fil-kċina tad-dar residenzjali ta' l-attur, li qed tiġi attribwita għal ħsara fl-istess *water heater,* allegatament mixtri mill-ħanut ġestit mis-soċjeta' konvenuta . Għal din it-talba s-soċjeta' konvenuta ressqet diversi eċċezzjonijiet . L-ewwel waħda ġiet superata bil-korrezzjoni awtorizzata bid-digriet tagħha tat-30 ta' Marzu 1999 . Bit-tieni eċċezzjoni s-soċjeta' konvenuta tesiġi mingħand l-attur il-prova illi dan il-*water heater* kien ġie effettivament mixtri minn għandha .

Imma qabel ma wieħed jidħol fil-mertu ta' din l-eċċezzjoni, jkun opportun illi tiġi qabel xejn eżaminata t-tielet eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, għax jekk tintlaqa' din l-eċċezzjoni, jkun inutili li l-Qorti tipproċedi ulterjorment . Skond dan l-

artikolu l-azzjonijiet għad-danni mhux ikkawżati b'reat, jaqgħu bil-preskrizzjoni ta' sentejn . L-inċident in kwistjoni ġara fit-13 ta' Ottubru 1996, u l-kawża preżenti ġiet intavolata fit-30 ta' Novembru 1998, u għalhekk wara li għalqu s-sentejn preskritti mill-liġi . Imma fil-frattemp l-attur kien laħaq interrompa din il-preskrizzjoni bil-preżentata ta' l-ittra uffiċċjali tat-23 ta' Diċembru 1997 spedita lis-soċjeta' konvenuta[1] . In vista għalhekk ta' din l-interruzzjoni, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tirnexxi u qed tiġi minnufih respinta .

Niġu għalhekk għall-mertu tal-kwistjoni . Fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża, s-soċjeta' konvenuta titfa' dubbju serju fuq kemm fil-verita' l-*water heater* in kwistjoni ġie mixtri minn għandha . Kif sewwa sostniet fit-tieni eċċezzjoni tagħha, il-prova dwar dan trid neċessarjament tinġieb mill-attur . Huwa prinċipju bażilari tal-proċedura illi l-piż tal-prova tal-fatti allegati li fuqhom qed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu huwa ta' l-attur, u jispetta biss lill-konvenut li jirribatti dawn il-provi bi provi kuntrarji . "**Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah**." [2]

Ġie mgħallem mill-**Mattirolo** f'dan ir-rigward illi : "*Una regola di dottrina e di gurisprudenza generale reca che **'semper onus probandi ei incumbit qui dicit'**, ossia che **'semper necessitas probandi incumbit illi qui agit**.' In verita', il principio di egualianza civile, che nella pratica dei giudizi si traduce nel principio della parita' di trattamento assicurata alle parti, non permette che si presti fede piuttosto all'allegazione dell'uno che a quella dell'altro dei litiganti . Quindi ciascuna delle parti deve provare i fatti, che essa allega a sostegno del proprio assunto ; e l'autorita' giudicante dee pronunizare **juxta allegata et probata ....***[3]

---

A fol.10 tal-process; ara wkoll risposta relattiva tas-soċjeta' konvenuta a fol. 11, u l-verbal tal-kontendenti tat-8 ta' Frar 2001 a fol.34, fejn qablu illi dawn l-ittri huma veri kopji ta' l-oriġinal .

[2] art. 562 tal-Kap. 12 .

[3] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano vol. III 5ta ed. para 465 pag. 380

Fil-każ tagħna l-attur qed isostni illi l-*water heater* li sploda fil-kċina tiegħu kien inxtara mingħand is-soċjeta' konvenuta . Sabiex jipprova din l-allegazzjoni huwa pproduċa riċevuta ta' *under sink water heater* li kien xtara hu personalment fl-10 ta' Gunju 1996 mingħand l-istess soċjeta' konvenuta[4] . Mix-xhieda sew ta' l-attur kif ukoll ta' Fortunato Schembri li nstalla dan l-apparat fil-kċina ta' l-attur, jirriżulta illi dan kien l-unika *under sink water heater* li kien hemm fid-dar ta' l-attur, u kien issostitwixxa ieħor li kien hemm fl-istess post u li kien jenħtieġ li jinbidel billi kien ittaqqab[5]. Fl-ittra responsiva tagħha għal dik spedita mill-attur, is-soċjeta' attriċi lanqas ma nnegat li dan il-*water heater* kien inxtara minn għandha, u ċaħdet ir-responsabilita' għall-akkadut sempliċement billi allegat "*nuqqas ta' ħila u negliġenza grossolana "f'min kien installah*[6] *.* Terġa' rriżulta wkoll illi hekk kif kien installah, Fortunato Schembri induna illi t-*termostat* tiegħu kien difettuż u allura mar talab ieħor in sostituzzjoni mingħand is-soċjeta' konvenuta . Din kienet pronta tagħtu ieħor in sostituzzjoni, mingħajr ma żammitlu flus għalih . Dawn il-fatturi kollha għalhekk iwasslu indubbjament għall-konvinċiment illi dan il-*water heater* kien tassew inxtara mingħand is-soċjeta' konvenuta u għalhekk it-tieni eċċezzjoni qed tiġi respinta wkoll .

Jibqa' għalhekk sabiex jiġi stabilit jekk l-isplużjoni seħħitx minħabba illi s-soċjeta' konvenuta ssuppliet lill-attur b'*water heater* difettuż . Skond l-espert tekniku li kien ġie nominat fl-inkjesta maġisterjali relattiva għal dan l-inċident, din l-isplużjoni seħħet għaliex :

"*Jidher li fl-intern tal-water heater ġiet iġġenerata pressjoni kbira li wasslet sal-punt li t-tank tal-unit xpakka mill-weld joint. Tali pressjoni setgħet tiġi fis-seħħ mill-formazzjoni ta' kwantita' kbira ta' superheated steam li jidher li kien qiegħed jiġi ġġenerat fl-intern tal-water heater . Dan x'aktarx ġara għaliex it-termostat li jikkontrolla t-temperatura tal-ilma ma baqax jiffunzjona biex b'hekk il-*

---

[4] ara Dok. CB a fol. 16 tal-process .
[5] ara affidavit ta' Fortunato Schembri a fol. 15 tal-process; u xhieda ta' l-attur a fol. 29 - 33 tal-process .
[6] ara ittra a fol. 11 .

*heater baqa' jsaħħan mingħajr interruzzjoni . Dan il-fatt wassal sabiex fit-tank beda jiġi ġġenerat l-isteam li ssepara minn mal-ilma likwidu . Tali sitwazzjoni kkrejat pressjoni għola minn dik li kien iddisinjat għaliha il-water heater u f'dan il-punt messu daħal fl-operazzjoni is-safety valve li kien imwaħħal mas-supply pipe tal-ilma . Iżda jidher li anke dan il-unit falla x'aktarx għaliex kellu l-mekkaniżmu tiegħu ġġamjat . Fil-fatt meta l-esponent ipprova jċaqlaq il-mekkaniżmu ta' dan is-safety valve, billi jimbottah b'subajh, sab li ma setgħax jikkawża moviment . Kienu dawn iż-żewġ difetti simultanji li jidher li wasslu sabiex isseħħ l-isplużjoni fl-intern tal-water heater*." [7]

Jirriżulta għalhekk minn dawn il-konklużjonijiet peritali illi l-kawżi ta' din l-isplużjoni kienu prattikament tnejn u ċioe' :

(i) difett fit-*termostat* li ma kienx qed jaqta' l-kurrent elettriku wara li tkun laħqet ċerta temperatura, kif suppost kellu jagħmel ; u

(ii) difett fis-*safety valve* ikkomunikat mal-*pipe* ta' l-ilma li kien jissuplixxi lill-istess *water heater*; dan kien iġġamjat .

Imma għalkemm dan it-*termostat*, kif ġia rajna, kien ġie akkwistat mingħand is-soċjeta' konvenuta in sostituzzjoni ta' dak oriġinali li kien installat fil-*water heater* mixtri minn għandha, irriżulta illi ħadem sewwa għal aktar minn erba' xhur, mingħajr ebda problemi, tant illi kif ammetta Fortunato Schembri, li apparti li kien installa dan il-*water heater*, kien ukoll jagħmel il-manutenzjoni fil-fond ta' l-attur, dan kien jinżamm dejjem mixgħul[8] . Għalhekk kwalunkwe ħsara fih ma tistax tiġi attribwita għal xi difett fil-manufattura tiegħu, għax din kienet tirriżulta mill-ewwel, kif fil-fatt ġara fil-każ ta' dak oriġinali u mhux wara daqstant żmien . Il-ħsara fih għalhekk ma tista' tiġi attribwita għal xejn ħlief għal użu kontinwu, u ċioe' ghal "*normal wear and tear*." Fil-kaz taghna jidher illi dan ġie aċċellerat bil-fatt illi l-*water heater* kien jinżamm dejjem

---

[7] ara relazzjoni tal-Profs. Alfred J. Vella a fol. 98 tal-process .
[8] ara depożizzjoni tiegħu a fol 50 . .

mixgħul u fuq temperatura għolja . Infatti Giorgia Schembri, l-*house-keeper* ta' l-attur, stqarret ma' l-espert tekniku illi ftit jiem qabel l-isplużjoni, żewġha kien naqqaslu ftit mit-temperatura għax kien qed isaħħan iżżejjed[9] . Madankollu mill-eżami magħmul mill-istess espert, irriżulta illi, minkejja dan it-tnaqqis, t-termostat dakinhar ta' l-inċident kien xorta waħda issettajt fuq temperatura pjuttost għolja ta' sittin grad[10] .

L-istess fir-rigward tas-*safety valve* . Dwar dan l-ewwelnett m'hemm l-ebda prova li kien ġie mixtri wkoll mingħand is-soċjeta' konvenuta . Anzi l-probabilita' hija illi dan kien għadu l-istess wieħed illi kien hemm mal-*pipe* ikkumnikat mal-*water heater* il-qadim li kellu jinbidel għax kien ittaqqab . Dwar dan l-aċċessorju l-espert tekniku spjega fil-kontro-eżami tiegħu illi :
"*is-safety valve li hemm, li suppost ikun designed biex pressjonijiet fl-intern ta' dik iċ-ċisterna jisfugahom hu . Issa kultant ifalli, anki għaliex f'kuntatt ma' l-ilma, bil-ġebla kif inhu tagħna, imma kwalunkwe ilma insomma, dan huwa, għandu partijiet jiċċaqalqu, huma mekkaniċi jiġifieri, mhux elettroniku jew xi ħaġa li m'għandhiex dawn it-tip ta' problemi, u d-deposits fuqu, ikkważati mill-ilma stess jistgħu kultant … jiġġamjaw*." [11]

Dan kollu jindika illi l-istess bhal fil-każ tat-*termostat*, id-difett fis-*safety valve* ma' kienx dovut għal xi manufattura ħażina, imma pjuttost għall-użu fuq tul ta' żmien, u għalhekk anke kieku dan il-*valve* kien ġie akkwistat mingħand is-soċjeta' konvenuta fl-okkażjoni tal-bejgħ tal-*water heater*, id-danni kkawżati ma jistgħux jiġu attribwiti lilha .

L-eċċezzjonijiet l-oħra tas-soċjeta' konvenuta jimmeritaw għalhekk li jiġu akkolti, bil-konsegwenza illi din il-kawża ma tistax tirnexxi .

---

[9] ara ri-assunt tax-xhieda tagħha a fol. 101 tal-process .
[10] ara relazzjoni tiegħu a fol. 94 tal-process .
[11] ara depożizzjoni tieghu a fol. 122 tal-process .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' r-raba, ħames u sitt eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta, tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attur .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------